

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2266**tal-14 ta' Novembru 2022**

**li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet
Ġeografiċi Protetti [“Samoborska češnjovka/Samoborska češnofka” (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalitā għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-applikazzjoni tal-Kroazja biex l-isem “Samoborska češnjovka/Samoborska češnofka” jiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²) skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem “Samoborska češnjovka/Samoborska češnofka” jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem “Samoborska češnjovka/Samoborska češnofka” (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu huwa prodott tal-Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.) kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni
Fissem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠU C 278, 20.7.2022, p. 35.

(³) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalitā għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).